# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 2415/00GV**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Pierre Parnis**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn tliet mija u ghaxar liri (Lm2,310) rapprezentanti import ta' erbatax (14) il-kambjala ta' Lm165 il-wahda, debitment accettati u skaduti minn Settembru, 1999 sa Ottubru, 2000 u mhux imhallsa, hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 14 konsekuttivament u nklusivament;

Premess li ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess li l-kreditu ts-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm2,310 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandux l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici U.C.I.M. Co. Ltd. bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,310 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 ta' Ottubru, 2000 jammontaw ghal Lm123, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill konvenut li naqas li jidher u jipprezenta nota' ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**